# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

**Nru. 7** **Lulju - Awissu 1982**








## EDITORJAL

### *SAN ĠORĠ għaliex il-festa*

Lulju. Ix-xahar li fih ilkoll flimkien niċċelebraw il-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ. Għalina Lulju u San Ġorġ saru sinonimi.

Għaliex il-festa? Xi skop hemm li ta' kull sena isir daqshekk xogħol ta' armar u tħejjija? Għaliex dawk il-jiem ta' attivitajiet kontinwi fil-Bażilika u barra? Ir-raġunijiet huma ħafna. Tajjeb li nsemmu xi ftit minnhom:

**Bħala Qawmien Spiritwali:** *Aħna neħtieġu li minn żmien għall-ieħor inqumu ftit mir-rutina monotona li ngħaddu minnha matul is-sena. U l-festa tagħtina dan il-mument biex permezz ta' dak li jsir fiha nirċievu dik l-ispinta 'l quddiem li tgħinna nistejqru mit-telqa li fiha nkunu.*

*Dan jista' jsir billi kull iweħed u waħda minnha jieħu sehem attiv fil-funzjonijiet u l-attivitajiet kollha li jsiru.*

**Bħala mezz li permezz tiegħu nuru l-qima tagħna lejn San Ġorġ:** *Aħna li nistgħu ngħidu li ħajjitna hija minsuġa ħaġa waħda mal-għajnuna li nirċievu mingħand dan il-qaddis, nħossu l-ħtieġa li ta' l-inqas darba f'sena nuru pubblikament l-imħabba tagħna lejn dan il-Patrun tagħna u li qatt ma nsiena.*

*U dan nagħmluh billi nifirħu u nferrħu lil kull min ikun preżenti, bl-imġieba tagħna, u billi noqgħodu attenti li ma noffendu lil ħadd.*

**Bħala wirja tat-talenti li Alla jkun tagħna:** *Infatti kull ħaġa li ssir tiġi dejjem imtella' mill-membri tal-komunità parrokjali tagħna: sew jekk hija mużika, priedka, kant, marċi, dekorazzjonijiet, tiżjin, eċċ. kollha jsiru bi skop ġenwin li dak li Alla żejjinna bih, naqsmuh ma' oħrajn.*

*U dan jista' jsir billi ninżgħu xi ftit il-misthija tagħna, u ma nibżgħux immiddu għonqna għax-xogħol li titlob minnha il-festa tagħna.*

B'hekk il-festa ta' San Ġorġ tħalli warajha frott kbir, li mbagħad tgħin biex mill-ġdid nistennew sena oħra, Lulju ieħor, festa oħra ta' San Ġorġ.

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377



## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| *4.4.82* | JOSMARK iben Anton Farrugia u Martha neè Muscat. |
| *10.4.82* | JEAN PAUL iben Alan George Buttigieg u Marija neè Zammit. |
| *10.4.82* | GEORGE iben Joe Cremona u Josette neè Cassar. |
| *11.4.82* | MANUEL iben Emmanuel Farrugia u Giorgia neèThewma |
| *16.4.82* | STELLA MARIA bint Michael Martin u Bridget neè Banks. |
| *6.5.82* | GEORGIANNE bint Godwin Cachia u Marija neè Farrugia. |
| *15.5.82* | MADLENE bint John Schembri u Doris neè Cachia. |
| *15.5.82* | DANIELA u JOANNE ulied George Vella u Joan neè Portelli |
| *21.5.82* | GEORGE FRANK iben Joseph Farrugia u Josephine neè Farrugia |
| *22.5.82* | EDDIE JOE iben Carmel Cremona u Antoinette neè Scicluna |
| *30.5.82* | KAREN bint Carmel Saliba u Jane neè Micallef. |

## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

| | |
|---|---|
| *9.4.82* | Ganni Borg |
| *11.5.82* | Carmela Zammit |
| *19.5.82* | Gorg Borg |
| *25.5.82* | Toni Vella |
| *26.5.82* | Rosa Attard |

## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

| | |
|---|---|
| *11.4.82* | Mario Tabone ma' Monica Formosa. |
| *24.4.82* | Saviour Buttigieg ma' Carmen Sacco. |
| *12.6.82* | George Xerri ma' Tanya Mercieca. |



## NILTAQGĦU NHAR

**LULJU 1982**

**Il-Ħamis 1 ta' Lulju:**
Is-Seba' Ħamis ta' San Ġorġ. Fis-7.00 p.m. quddiesa bl-omelija.

**Il-Ġimgħa 2 ta' Lulju:**
L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni.

**Is-Sibt 3 ta' Lulju:**
L-Ewwl sibt tax-xahar. Adorazzjoni.

**It-Tlieta 6 ta' Lulju:**
Festa ta' S. Marija Goretti V. u M.- Fis-7.00 p.m. quddiesa bl-omelija.

**Il-Ħamis 8 ta' Lulju:**
It-Tmien Ħamis ta' San Ġorġ. Fis-7.00 p.m. quddiesa bl-omelija.

**Il-Ħadd 11 ta' Lulju:**
Ftuħ tal-Festi Solenni f'ġieħ San Ġorġ. Il-programm dettaljat jinsab fil-paġni tan-nofs.

**AWISSU 1982**

**Il-Ġimgħa 6 ta' Lulju:**
**Solennità tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej. Fis-6.30 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali.**
L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni.

**Is-Sibt 7 ta' Lulju:**
**L-Ewwel Sibt tax-xahar. Adorazzjoni.**
L-Ewwel Sibt tax-xahar. Adorazzjoni.

**Il-Ħadd 15 ta' Awissu: ı:**
**Sollennità tat-Tlugħ fis-Sema tal-Beata Verġni Marija. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni.**

**L-Erbgħa 18 ta' Awissu:**
Tifkira ta' Sant' Elena, Augusta Imperatriċi. Fis-7.00 p.m. Quddiesa bl-omelija.

**N.B.** *Mill-Ħadd 25 ta' Lulju u matul Awissu kollu nhar ta' Ħadd fil-għaxija jkollna quddiesa waħda biss; fil-5.00 p.m.*

# L-EWWEL TQARBINA



*IT-TFAL SUBIEN: Joe-Etienne Abela, George Attard, Mario Borg, Louis Buhagiar, Tony Buttigieg, George Joseph Camilleri, Louis Cassar, Mario Cordina, Martin Cremona, Brian-John Farrugia, Nazzareno Farrugia, Philip Fenech, Frank George Grech, Joseph Galea, Michael Grima, George Grech, Jason Portelli, Gorg Frank Mizzi, Gorg Refalo, Gorg Sacco, Brian John Saliba, Stefan Gorg Said, Christopher Sant, George Spiteri, Mark Theuma, Jason Vella, John Xuereb.*



*IT-TFAL BNIET: Annette Attard, Francesca Attard, Maureen Attard, Victoria Attard, Silvana Bugeja, Georgina Buhagiar, Josianne Caruana, Julie Cassar, Jo-Aanne Debrincat, Georgina Ellis, Irene Farrugia, Monica Galea, Paulene Muscat, Jacqueline Parnis, Marlene Portelli, Jo-Anne Sacco, Christine Sultana, Laura Vicuna Vella, Sharon Vella, Georgienne Xuereb, Gabrielle Zammit.*

# IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF



*IT-TFAL SUBIEN: Joseph Cauchi, Emanuel Cucciardi, Godwin Cassar, Vincent Debrincat, Ernesto Farrugia, Louis Formosa, Michael Galea, George Gatt, Raymond Grech, Roger Micallef, Tonio Muscat, John Mercieca, Alfred Portelli, Frank Portelli, Michael Refalo, Michel Refalo, Charles Sacco, Carl Scerri, Charles Saliba, John Sultana, Joseph Vella.*



*IT-TFAL BNIET: Maureen Borg, Jacqueline Cardona, Sandra Cassar, Gina Cassar, Simone Camilleri, Deborah Cini, Giovanna Cordina, Maria Debrincat, Sonia Falzon, Michelle Farrugia, Carmen Grech, Elsie Mercieca, Marie Georgette Mercieca, Rosalie Micallef, Yvonne Micallef, Josette Muscat, Doreen Rapa, Romina Vassallo, Anna Maria Vella, Marthese Vella, Evelyn Zammit.*

## *Inizjattiva ta' min Ifaħħarha*

Il-Kumitat tal-Promozzjoni Umana tal-Parroċċa tagħna flimkien ma dak tal-Liturġija ħa l-inizjattiva li jiġbor il-fondi meħtieġa biex tinbidel, malajr kemm jista jkun, is-sistema tal-loudspeakers fil-Bażilika tagħna. Nhar il-Ħadd 23 ta' Mejju saret l-ewwel ġabra waqt il-quddies u nġabret somma sabieħa. Inizjattiva bħal din huwa ta' min ifaħħarha u jinkoraġġiha. Illum ma għadux iż-żmien li nagħmlu appelli biex jinġabru fondi għal xi opra ġdida. Imma għal ħaġa bħal din ma nistgħux nibqgħu passivi. Mingħajr sistema tajba u moderna ta' 'microphones' u 'loudspeakers' ma hux possibli li n-nies issegwi l-funzjonijiet li jkollna u l-quddiesa tal-Ħadd. Iż-żgħażagħ li qed jieħdu ħsieb dan il-ġbir hu ta' min jinkoraġġihom għax ser jagħmlu opra ġdida li ser tkun ta' benefiċċju kbir pastoralment u ser tgħin biex il-Kelma t'Alla tasal bla xkiel fost il-komunità miġbura fil-Bażilika tagħna. Għalhekk inħeġġu lil dawk kollha li jistgħu jgħinu biex ma jibqgħux lura u jagħtu sehemhom biex is-sistema nibdluha mill-iktar fis possibbli. Daqskemm wieħed jistenna li jsib il-fans fis-sajf, daqskemm wieħed jistenna li jsib siġġu komdu, daqshekk ieħor kulħadd jistenna li waqt il-quddies u l-funzjonijiet jifhem dak kollu li jkun jintqal. Aħna ċerti li l-qlub ġenerużi tagħkom ma jonqsux li jgħinu f'dan il-proġett siewi u bżonjuż u mill-ġdid nirringrazzjaw lil dak il-grupp ta' ġuvintur u xebbiet li minn jeddhom ħadu din l-inizjattiva tabilħaq ta minn ifaħħarha u jgħinha.

**Il-Ħadd 11 ta' Lulju - JUM IS-SAĊERDOTI**
Fl-10.00 a.m. L-Ewwel Quddiesa Solenni tas-Saċerdoti Novell Dun Ġorġ Frendo. Jiseġ l-Omelija ta' l-okkażżjoni Patri Bonaventura Camilleri O.F.M. Conv. S.Th.D.

**It-Tnejn 12 ta' Lulju - JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**
Fis-7.00 p.m. Quddiesa għaż-żgħażagħ - ġuvintur u xebbiet - tal-paroċċa mir-Rev. Kan Dun Joe Mejlak. Isir diskors ta' l-okkażżjoni mis-Sur Lawrence Mizzi.

**It-Tlieta 13 ta' Lulju - JUM IT-TFAL**
Fil-5.30 p.m. Quddiesa mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi għat-tfal kollha tal-Parroċċa u Premjazzjoni lill-aħjar tfal li jattendu ċ-Ċentru tad-Duttrina. Fis-7.00 p.m. Ħruġ minn niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ Martri - l-ewwel statwa titulari t' Għawdex.

**L-Erbgħa 14 ta' Lulju - JUM IL-MORDA U L-ANZJANI**
Fil-5.30 p.m. Quddiesa għall-morda u l-anzjani fl-okkażżjoni tas-"Sena Internazzjonali ta' l-Anzjani". Iqaddes ir-Rev. Kan Dun Salv Borg u jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Tingħata tifkira lil dawk li jattendu.
Fis-6.30 p.m. Għasar Kantat u Priedka mill-W.R.Prof. Dun Lawrenz Scibberas M.A.(Rom.), S.S.Lic., S.Th.Lic. Wara l-priedka Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Fid-9.30 p.m. Dimostrazzjoni mill-Banda LA STELLA bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel.

**Il-Ħamis 15 ta' Lulju - JUM IL-BENEFATTURI**
Fit-8.15 a.m. Quddiesa Kantata mill-Kapitlu.
Fil-5.30 p.m. Quddiesa b'suffraġju ta' dawk li mietu matul is-sena.
Fis-6.30 p.m. Għasar kantat, Priedka u kollox bħal jum ta' qabel.
Fid-9.30 a.m. Marċ mill-Banda LA STELLA mat-toroq ta' madwar il-Bażilika.

**Il-Ġimgħa 16 ta' Lulju - L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU**
Fit-8.15 a.m. Quddiesa Kantata mill-Kapitlu Ġorġjan.
Fil-5.30 p.m. Quddiesa letta.
Fis-6.00 p.m. Għasar Kantat, Priedka, Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Fid-9.00 p.m. Marċ u Programm mill-Banda PREKURSUR tax-Xewkija.
Fid 9.30 p.m. Dimostrazzjoni tradizzjonali bl-istatwa ta' San Ġorġ - l-ewwel statwa titulari ta' barra - bis-sehem tal-Banda LA STELLA u l-Banda VICTORY tax-Xagħra. Il-Banda LA STELLA żżanżan sett ta' marċi ġodda. Fi Triq ir-Repubblika jkun hemm logħob tan-nar maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Is-Sibt 17 ta' Lulju - LEJLIET IL-FESTA**
Fit-8.15 a.m. Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Hajr immexxija mill-W.R. Kan. On. Major Joseph Borg f'għeluq il-25 Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Omelija ta l-okkazjoni mill-W.R. Kan. Dun Salv Borg.
Fid-9.30 a.m. Marċ popolari u brijuż mill-Banda LA STELLA.
Fil-5.30 p.m. Quddiesa li tissodisfa l-obbligu tas-smiegħ tal-quddies tal-Ħadd.

Fis-6.30 p.m. Marċ mill-Banda LA STELLA sal-ħin tat-Transulazzjoni Pontifikali.
Fis-7.00 p.m. Wasla ta' l-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan. Transulazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Isqof bis-sehem tal-Kapitlu Ġorġjan. Wara, Għasar Pontifikali mill-E.T. Mons Isqof assistit mill-Kapitlu u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Fit-8.00 p.m. Programm Mużikali fit-Tokk mill-Banda Filarmonika KING'S OWN tal-Belt Valletta.
Fid-9.00 p.m. Marċ u Programm mill-Banda ST. JOSEPH ta' Għajnsielem.
Fid-9.30 p.m. Marċi brijużi miż-żewġ baned ċittadini KING'S OWN u LA STELLA lu màtulhom iż-żewġ baned idoqqu sett ta' marċi bħala 'massed band'
Fil-11.00 p.m. Logħob tan-nar fi Trieq Repubblika maħdum minn Anton Cilia.
Fil-11.45 p.m. Esekuzzjoni ta' l-innu oriġinali 'A San Giorgio Martire' mużika ta' G. Giardini Vella fuq versi ta' Profs. L. Billion. Il-Banda LA STELLA tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joe Vella B.Mus. (Dunelm),F.L.C.M.

**Il-Ħadd 18 ta' Lulju - JUM IL-FESTA**
Hinijiet tal-Quddies fil-Bażilika: 4.00 a.m., 5.00 a.m., 6.00 a.m., 6.30 a.m., 7.00 a.m., 7.30 a.m., 8.00 a.m., 9.00 a.m. (Pontifikal), fl-10.15 a.m., 11.00 a.m., 12.00, 1.00 p.m., 4.00 p.m., 5.00 p.m.
Fit-8.00 a.m. Marċ mill-Banda Filarmonika KING'S OWN li tilqa' lill-E.T. Mons Isqof.
Fit-8.30 a.m. Wasla ta' E.T. Mons Isqof u fid-8.45 a.m. Kant ta' Terza.
Fid-9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi Isqof t' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu, li jinseġ ukoll il-Paniġierku.
Fl-10.30 a.m. Marċ brijuż mill-Banda Filarmonika KING'S OWN.
Fis2.15 p.m. Xandir ta' sett ta' marċi ġodda fuq Cable Radio mill-Banda LA STELLA.
Fit-3.30 p.m. Tiġrijiet kbar tal-Bħejjem bis-sehem ta' bħejjhem Maltin u Għawdxin.
Fis-6.30 p.m. Marċi mill-Baned VICTORY u BANDA MALTIJA li wara jesegwixxu programm mużikali fit-Tokk.
Fis-6.30 p.m. Għasar solenni mmexxi minn Mons Arċipriet E. Mercieca Prel D'On, Prot. Ap., Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Fis-7.30 p.m. Tibda ħieġa l-Purċissjoni Pontifikali u jindaqq l-Innu 'A San Giorgio Martire' f'Misraħ San Ġorġ.
Fit-8.00 p.m. Tibda timmarċja l-Pruċissjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons Isqof bis-sehem tal-Kapitlu Ġorġjan u ta' l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-Banda LA STELLA b'marċi reliġjużi.
Fit-8.15 p.m. Programm mill-Banda MNARJA tan-Nadur fi Pjazza San Ġorġ.
Fl-10.00 p.m. Daħla trijonfali ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika.
Fl-10.30 p.m. Marċ brijuż mill-Banda LA STELLA li jtemm dawn il-festi.

***Tagħrif Ġenerali***
_ *Għall-kumditā tal-Maltin li jżuru lill-Għawdex f'din il-festa prinċipali l- M.V. MELITALAND jagħmel trip extra mill-Imġarr għaċ-Ċirkewwa nhar il-Ħadd 18 ta' Lulju fl-10.30 p.m. Biljeti għal dan it-trip jinkisbu mill-Booking Office fl-Imġarr.*
_ *Il-Mużika fil-Bażilika tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joe Vella B.Mus (Dunelm), F.L.C.M.*
_ *L-Innu 'A San Giorgio Martire' jitkanta mit-Tenur Joe Haber, mill-Baritonu Joe Vella Bondi u mill-membri taż-żewġ korijiet tal-Bażilika l-'Chorus Urbanus' u 'Laudate Pueri.'*
_ *Fil-Bażilika ser tiżżanżan dekorazzjoni fil-gallerija ta' l-Orgni xogħol tas-Sur Ġużeppi Sagona.*

# IL-KORS TAT-TISJIR

Bejn l-aħħar ġimgħa ta' April u matul Mejju kollu fiċ-Ċentru Parrokkjali tagħna ġie organizzat kors tat-Tisjir, immexxi mis-Sur Wenzu Borg, Chef tal-Lukanda Calypso. Dawk kollha li ħadu seħem kellhom kliem ta' tifħir għal mod singulari li bih is-Sur Borg mexxa l-kors, li fih ta madwar 31 riċetta differenti. Tajjeb ukoll wieħed hawn isemmi l-għajnuna li taw il-membri ħabrieka tal-Kumitat Storiku Kulturali biex dan il-kors mexa b'suċċess.

F'waħda mil-lezzjonijiet tal-kors kellna magħna lil Gloria Mizzi li ġentilment offriet li tiġi minn Malta u tagħti lezzjoni lil dawk li kienu jattendu u lil ħbieb tagħhom. Gloria Mizzi offriet ukoll abbonament għal sena fil-Magazine popolari tagħha *Il-Mara ta' llum* li tala bix-xorti fost dawk li kienu jattendu l-kors tat-tisjir.

Fl-aħħar lezzjoni tal-kors sar reċiviment żgħir u Mons Arċipriet offra rigal lis-Sur Wenzu Borg bħala tifkira. Is-Sur Borg ingħata statwa ta' rħam ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel.

Biex il-kors tat-tisjir seta' jkun suċċess kellna wkoll l-għajnuna ta' bosta ħwienet u stabbilimenti mill-parroċċa tagħna, lukandi u resturanti, ditti f'Malta u Għawdex li ġentilment offrew rigali u oġġetti li ġew imtellgħa f'lotteriji matul il-lezzjonijiet kollha. Minn ħa sehem ingħata wkoll kopja tar-riċetti kollha li saru matul il-kors. Insemmu b'mod speċjali lid-Ditta FINO li għoġobha toffrilna cooker STAR bi prezz baxx biex seta' jintuża għat-tisjir kollu li sar matul il-kors.

Aħbar sabieħa għal dawk kollha li attendew u oħrajn dilettanti tat-tisjir u nisa tad-dar, kienet li f'Ottubru u Novembru li ġej ser jiġi organizzat kors ieħor din id-darba b'riċetti tal-ħelu biss. Dettalji dwar dan il-kors jingħataw iktar il-quddiem.



Gloria Mizzi tidher tippreżenta abbonament b'xejn għal sena fil-Magazine popolari 'Il-MARA TA' LLUM' lil Mrs. Anita Muscat.




Mons Arċipriet jidher jippreżenta l-istatwa ta' San Ġorġ lis-Sur Wenzu Borg.

**NIFIRĦU. . . . .**

Lil DUN ĠORĠ FRENDO li nhar is-Sibt 19 ta' Ġunju li għadda ġie ordnat Saċerdot mill-E.T. Mons Isqof.

Lil W.R. KAN.ON. Major JOSEPH BORG li din is-sena jagħlaq 25 sena iqaddes.

## OFFREW DONAZZJONI GĦALL-ISPEJJEŻ TAR-RIVISTA

J. Camilleri £M1; Mr. & Mrs. C. Scicluna £M1; Fr. C. Grima (Gibiltà) £M1; Miss. C. Fenech £M1; Mrs. C. Xerri 50c.; Mrs. M. Cremona 50c.; Josephine Calleja (Aust.) £M1; Mr. & Mrs. Ted Attard (Canada) £M5; N.N. (Aust.) $20 Aust. Dollars.




*Għeżież tfal,*

*Bdejtu tgħumu?.?*

*Iżda qabel ma tweġbuni, aħjar tgħiduli ftit kif mortu fl-eżamijiet. Nittama li studjajtu u tħejjejtu tajjeb għalihom!*

*Issa tibdew ìl-vaganzi. Iddevertu. Iżda qisu li ma titilfux dak kollu li bnejtu t'tant għaqal u sabar matul ix-xitwa. Taħlux żmien fix-xejn. Araw li l-kotba ma twarbuhomx fil-ġenb għal kollox. Aqraw xi ħaġa żgħira kuljum. Kultant, agħmlu daqsxejn ta' reviżjoni ta' dak li għaddejtu matul din is-sena, biex meta terġa tiftaħ l-iskola f'Settembru li ġej, ma tkunux insejtu kollox u terġgħu taqbdu r-ritmu bla tbatija.*

*Ħaġ' oħra li xtaqt ngħidilkom hi din: qisu li matul is-sajf, tkunu fejn tkunu, tagħtu dejjem eżempju tajjeb lill-oħrajn, waqt li ġġibu ruħkom ta' veri nsara li intom. Ftakru li Alla jkun qiegħed jarakom. U bil-ħaqq, qisu li ma titraskurawx il-knisja: il-quddies, il-qrar, it-tqarbin, it-talb, il-laqgħat u l-bqija.*

*Mela, iddevertu. Nerġgħu niltaqgħu meta lkoll kemm aħna nkunu ħadna l-mistrieħ tagħna. Sadanittant,* **Tatà**

**Iż-żiju Peppi**

# Il-Koppla tal-Bażilika

*Is-Sitt Kwadru*



*"Qui Vincerit Vestietur Vestimentis Albis"*
*"Min Jirbaħ Jiġi Mlibbes Libsa Bajda"*

Il-libsa l-bajda tfisser il-ġmiel tal-Grazzja t'Alla fuq il-bniedem fid-dinja u d-dija tal-Glorja fil-ġenna.

Fil-ħajja tagħna fuq l-art ir-ruħ tal-bniedem fil-Grazzja t'Alla issir tant sabieħa li tkun tixbah lil Alla. Fil-Ġenna, imbagħad, il-beati huma mżejnin bid-Dija tal-Glorja t'Alla, li hija parti mis-sehem tagħhom fil-Glorja eterna.

San Ġorġ, il-patrun għażiż tagħna, imżejjen bil-Grazzja t'Alla fuq l-art, rebaħ kull tiġrib u Alla, kif iwiegħed, libbsu l-Ġmiel tal-Ħajja eterna.

*Tajt Sehmek Għall-Festa?*

**Meta ninsabu prattikament lejliet il-ftuh tal-festi sollenni tal-Qaddis Padrun tagħna, San Ġorġ Martri, bosta huma dawk li sallum diġa ħasbu u taw is-sehem tagħhom b'risq dawn il-festi. Għal dawk, iżda, li għadhom ma ikkontribwewx sehemhom, nixtiequ nagħmlu appell qawwi sabiex tkunu ġenerużi kemm tistgħu. Bħala Ġorġjani tafu biżżejjed fuq liema skala norganiżżaw iċ-ċelebrazzjonijiet li nagħmlu kemm fil-knisja kif ukoll fuq barra u għalhekk daqstant ieħor qed ikunu kbar l-ispejjeż li jkollna nħabbtu wiċċna magħhom ta' kull sena. Fil-waqt li bir-raġun kollu nistennew li ħadd ma jonqos milli joffri s-sehem tiegħu mill-aħjar li jista' inħeġġukom tikkoperaw magħna sabiex din is-sena wkoll jirnexxielna nagħmlu festa oħra grandjuża, festa li tkompli tiddistingwi ruħhna fost il-festi kollha titulari ta' dawn il-gżejjer. Nirringrazzjawkom**

***Il-Kumitat.***

# SAN ĠORĠ TAL-MATTIA

## Il-Kwadru Titulari tal-Bażilika

Fost it-teżori li jżejnu l-Bażilika tagħna jiddomina l-kwadru titulari xogħol Mattia Preti (1678). Hekk hu kif iddeskrivih is-Sur John Bezzina fil-ktejjeb dwar dan il-kwadru pubblikat meta l-kwadru kien restawrat fl-1972:



*"Il-qagħda taż-żiemel, tixbah ħafna liż-żwiemel ta' Tiziano u Tintoretto, u malli wieħed iħares lejn il-kwadru ta' San Ġorġ jiftakar fil-kwadru famuż 'Santiago Mata Moros' ta' Roelas fil-Katidral ta' Silvilja. Bħal fil-Konverżjoni ta' San Pawl tal-Caravaggio ż-żiemel abjad ħalib ta' San Ġorġ jisraq l-ewwel daqqa' t'għajn ta' min iħares. Dan sar fiż-żewġ kwadri miż-żewġ artisti kbar biex min jammira l-kwadri, mill-ewwel jobsor li l-qaddis hu kavallier. L-istess dawl uża l-Caravaggio li qtiegħ ir-Ras ta' San Ġwann u tafa dawl qawwi fuq il-bojja biex juri li s-suġġett hu l-esekuzzjoni. Malli l-għajnejn iħallu ż-żiemel ta' San Ġorġ jistrieħu fuq l-irkobba għerja tal-qaddis, bil-għan li juri li l-kavallier huwa ċenturjun tal-qawwiet ta' Ruma. Mill-irkobba għall-wiċċ, mill-wiċċ għas-sidra (kurazza) u hekk tkun rajt lil San Ġorġ, li jinsab bil-wieqfa b'siequ waħda fuq ras id-dragun maħsuda u bl-oħra tistrieħ fl-art. F'idu l-waħda għandu x-xabla misluta u fl-oħra t-tarka. Fuq ix-xellug ta' min iħares tidher tfajla għarkubtejjha b'kostum Għawdxi tal-kampanja, titlob u tħares lejn San Ġorġ. Aktar l-isfel minnha hemm l-arma tal-Gvernatur De Cordova. Bejn ras San Ġorġ u t-tarka jidher puttin b'lanza f'idu u neżlin minn ġewwa r-raġġ tad-dawl hemm żewġ anġli żgħar oħra, wieħed b'kuruna u l-ieħor b'palma . . . . . . . . Ir-rebħa fuq il-ħażen kien il-messaġġ li l-Mattia Preti ried iwassal lil kull min jitfa' ħarstu fuq il-kwadru titulari tal-Bażilika tagħna."*


| Tel: 556236 | ASTRA TROURS 1982 | | Tel: 551004 |
|---|---|---|---|
| Tour No. 1 | Tour No. 2 | Tour No. 3 | Tour No. 4 |
| 31 Lulju - 5 Awissu<br>Ġita ta' 6 ijiem<br>fi bliet popolari<br>ta' Sqallija<br>Idejali għall- familja<br>u<br>għall-ħaddiema | 1 Awissu - 13 Awissu<br>Ħarġa fl-aqwa<br>bliet ta' l-Ewropa<br>Spanja<br>Żjara lill-belt<br>tal-Madonna<br>Lourdes | 17 Awissu - 1 Sett.<br>Tour Sinjorili<br>Fl-Izvizzera,<br>l-Italja u Franza<br>Tgawdi l-ġmiel ta'<br>Ruma, Pariġi<br>u<br>Lourdes | 2 Sett. - 8 Sett.<br>Sebat ijiem mistrieħ<br>mas-seħer ta' Ruma<br>bid-devozjonijiet<br>ta' Assisi u Pompei<br>Firenze u Napli<br>Idejali għal minn<br>qatt ma siefer |




A. & M. Printing Ltd., Qala, Gozo.